MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' 30 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1368/2002/1

***Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited***

***vs***

***Jonathan Grima***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u erba' u erbghin centezmu (Lm488.44c) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Hubert Dalli ghan-nom tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba mija u tmienja u tmenin lira Maltin u erba u erbghin centezmu (Lm488.44c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**